# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Ottubru, 2023**

**Numru 6**

**Rikors Numru 844/22TA**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Tipbet Limited (C63741)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi (il-Kummissarju) tad-19 ta' Settembru 2022 li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti:

> "Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE *dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra* tas-16 ta' Marzu 2010, tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;
>
> Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u jippermetti lil Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-Xogħol, bħala l-awtorità kompetenti, sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;
>
> Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti Tedeska, ossija l-awtorita` applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxi, f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi u x-

Xogħol, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita` applikanti;

Illi l-kumpanija intimata għandha taxxa dovuta lill-awtorita` applikanti Tedeska fl-ammont ta' miljun, mija, wieħed u erbgħin elf , tnejn u ħamsin Euro u sittin ċenteżmi (€1,141,052.60), kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn anness u immarkat bħala Dok. 'A', oltre interessi skont il-liġi;

Illi l-kumpanija intimata hija indikata li tinsab ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;

Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;

Illi, madanakollu, l-kumpanija intimata għandha dritt għal traduzzjoni tal-istess dokument anness f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bħala Dok. 'B' sabiex l-kumpanija intimata tkun speċifikament infurmata illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika ta' l-imsemmija dokument anness.

Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' u Dok. 'B', jiġu notifikati lill-kumpanija intimata skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok.'A' bħala kopja uffiċċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv."

Rat ir-risposta tas-Soċjeta' Tipbet Limited (l-intimata) tal-15 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:

1. "Fl-ewwel lok, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda in kwantu l-Kummissarju tat-Taxxi ma għandux l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jippromuovi dawn il-proċeduri.

2. Fit-tieni lok, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda in kwantu l-istrument Uniformi li jippermetti Infurzar mehmuż mar-rikors odjern huwa invalidu.

3. Fit-tielet lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, dawn il-miżuri ta' rkupru għandhom jiġu sospiżi jew jitwaqqfu sakemm tintemm kull proċedura ta' ftehim reċiproku mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat

Membru applikant, in kwantu l-eżitu tal-imsemmija proċedura jista' jaffettwa t-talba li għaliha ġiet mitluba l-assistenza.

4. Fir-raba' lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda stante li l-awtorita' rikjesta kellha, u għandha tirrifjuta li tassisti lill-awtorita' applikanti għall-irkupru tat-talba f'Malta, in kwantu it-talba jew l-istrument li jippermettu l-infurzar tagħhom ġew kontestati fl-Istat Membru applikant u l-awtorità applikanti ma talbitx speċifikament l-irkupru tat-talba kontestata jew parti minnha.

5. Fil-ħames lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda stante li l-awtorita' rikjesta kellha, u għandha, tirrifjuta li tassisti lill-awtorita' applikanti għall-irkupru tat-talba f'Malta, in kwantu l-awtorità applikanti ma eżawrietx ir-rimedji proċedurali kollha fl-Istat Membru tagħha.

6. Fis-sitt lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda stante li l-awtorita' rikjesta kellha, u għandha, tirrifjuta li tassisti lill-awtorita' applikanti, in kwantu t-talba għall-assistenza għandha x'taqsam ma' talba li kienet dovuta fl-Istat Membru applikant ħames snin qabel id-data tat-talba inizjali.

7. Fis-seba' lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet odjerni għandhom jġu miċħuda stante li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tkun sodisfatta 'lli ġew imħarsa r-rekwiżiti rilevanti kollha tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu 2010."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Semgħet lill-abbli avukati tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li r-rikors tħalla għal-lum għas-Sentenza.

## Konsiderazzjonijiet

**1.** Dan huwa rikors magħmul mill-Kummissarju kontra l-intimata abbażi tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru tat-Talbiet li għandhom x'jasmu ma' Taxxi, Dazji u miżuri oħra tas-16 ta' Marzu 2010 li tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn

Stati Membri fl-UE fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa **u**/jew dazju dovuta minn debituri bhal ma hija l-intimata ta' stat ieħor membru fl-UE.

**2.** L-intimata tqanqal diversi kwistjonijiet ta' natura proċedurali għal fejn din it-talba ma tistax tintlaqa' u dan kif anke jirrisulta mir-risposta fuq imsemmija li uħud minnhom jimmeritaw li għandhom ikunu indirizzati.

**3.** Jibda biex jingħad li ma hux kontestat li l-intimata hija persuna soġġetta għat-taxxi fiskali tal-Ġermanja. Di fatti mid-dokumenti esebiti mill-Kummissarju jirrisulta b'mod ċar li n-numru tat-taxxa tagħha huwa univokabilment 2614/576/0153 (ara minn a' fol 7 sa fol 84).

**4.** L-opposizzjoni ewlenija tal-intimata hija dik li l-ammont li qiegħed jiġi irkuprat għadu mhux finali għaliex kien għadu qiegħed ikun kontestat. Di fatti fis-seduta tas-27 ta' Marzu 2023, l-Avukat Keith Borg talab żmien sabiex ikun jista' jġib il-provi dwar kontestazzjoni fil-Qrati u/jew awtoritajiet tal-oriġini (a' fol 99). Fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2023, għal darba oħra l-intimata talbet tingħata żmien biex iġġib il-provi, iżda fl-14 ta' Ġunju 2023 dan reġa' ma sarx u minflok saret it-trattazzjoni u r-rikors tħalla għas-Sentenza.

**5.** Il-Qorti ssibha stramba ħafna li l-intimata għamlet proċedura biex skond hi tattakka dak li qiegħed jintalab f'dawn il-proċeduri u de minimo lanqas ma ġew esebiti kopja tal-atti magħmulin minnha biex imqar tagħti ħjiel għall-kredenza tagħha li tassew istitwiet dawn il-proċeduri. B'dana kollu jidher li baqgħet sal-aħħar li prova bħal din ma tesistix. Anzi tesisti l-

prova li dan ma hux il-każ. Dan jirriżulta mill-Affidavit ta' Emmanuel Mangion, Manager II fi ħdan is-sezzjoni ta' Ġbir tal-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi fejn ikkonferma li "*tali dejn ghadu dovut lil tali Awtorita' sallum, u meta saret ir-rikjesta l-Awtorita' Tedeska kkonfermat illi dan id-dejn huwa wiehed mhux kontestat u li l-anqas jista' jigi kkontestat gewwa l-Germanja*." (emfażi tal-Qorti a' fol 102).

**6.** Kien jispetta lill-intimata tipprova li għamlet din il-kontestazzjoni għaliex l-Awtorita' Tedeska ma għandhiex il-piż tal-prova ta' xi ħaġa negattiva li kellha titwettaq mill-intimata. Di piu' l-intimata lanqas biss ħasset il-ħtieġa li tippresenta xi ħjiel ta' xhieda tal-inqas fuq dan il-punt. Il-Qorti tifhem għalfejn u ma għandhiex għalfejn tkun ċara aktar. Għalhekk f'dan ir-rigward ma ssib ebda waħda mir-raġunijiet elenkati f'artiklu 11 tad-direttiva. Di piu', anke li kieku kien hemm kontestazzjoni fl-istat Tedesk, din il-Qorti ghandha biex tissospendi din il-proċedura u mhux tarmiha 'l barra, kif bħal donnha tippretendi l-intimata u dan skont dak li jiddisponi l-artikolu 14(4) tad-Direttiva.

**7.** Il-Qorti tirrileva ukoll li f'artikolu 13 tad-Direttiva insibu li "*For the purpose of recovery in the requested Member State, any claim in respect of which a request for recovery has been made shall be treated as if it was the claim of the requested Member State".* Ghalhekk din il-Qorti tifhem li l-Istat Malti qiegħed biss jaġixxi ta' *lunga manu* għal dak Tedesk. *Ergo* dan ifisser, li l-finzjoni legali hi fis-sens, daqs li kieku dan id-dejn qed jinġabar f'territorju Tedesk bir-rimedji kollha li jista' jkollha l-intimata f'dak

it-territorju biex tattakka l-ġbir ta' din it-taxxa anke wara li li l-istat Malti ikun qeda dmiru skont din id-direttiva. Dan tant huwa minnu li artikolu 14(1) tad-Direttiva jkompli jispjega li "*Disputes concerning the claim, the initial instrument permitting enforcement in the applicant Member State or the uniform instrument permitting enforcement in the requested Member state and disputes concerning the validity of a notification made by a competent authority of the applicant Member State <u>shall fall within the competence of the competent bodies of the applicant Member State</u>".* (Emfażi tal-Qorti u ara ukoll artikolu 14(2)). Kif sewwa ġie innotat, fl-istess ħin, "*F'dan il-każ, it-talba li għandha quddiemha din il-qorti mhijiex waħda għall-għoti ta' informazzjoni dwar id-debitur iżda hija waħda għall-ġbir ta' taxxa, f'isem l-awtoritajiet Belġjani. Skont il-liġi, it-talba tal-awtoritajiet Belġjani għall-ġbir ta' taxxa għandha tiġi meqjusa mill-Kummissarju tat-Taxxi daqslikieku dik it-taxxa kienet dovuta lill-Gvern ta' Malta (ara l-artikolu 9(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08)"* (**Ara Sentenza tal-4 ta' Marzu, 2022 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni -vs- Ricardo Diaz et**). Dan jagħmel sens ukoll li it-talba għar-reġistrazzjoni ta' strument uniformi taħt l-artikolu 9(5) u (7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.08 huwa biss dak ta' superviżur, għax suppost it-talba tal-awtorità applikanti tkun ġa ġiet mistħarrġa mill-Kummissarju tat-Taxxi bħala l-awtorità kompetenti, f'isem il-Ministru għall-Finanzi.

**8.** Kwantu l-perjodu ta' 5 snin, dan jirrigwarda l-ammont li qegħdin jintalbu mill-1 ta' Ottubru 2014 sal-31 ta' Jannar 2018, il-Qorti tfakkar li l-ammont qieghed jintalab li jkun miġbur abbażi tal-artikolu 10 tad-Direttiva.

**9.** Issa huwa minnu li l-Artikolu 18 jiddipsoni li "*The requested authority shall not be obliged to grant the assistance provided for in Articles 5and 7 to 16, if the initial request for assistance persuant to article 7, 8, 10 or 16 is made in respect of claims which are more than 5 years old, dating from the due date of the claim in the applicant Member State to the date of the initial request for assistance".* Minn dan jemergi car, li l-artikolu 10 huwa milqut minn din il-parti tad-Direttiva u li l-ewwel data tad-dejn għas-sena 2014 kienet 28/6/2021 (a' fol 6 para 5 *Date of establishment of the Claim*).

**10.** Il-Qorti ssibha stramba ħafna kif id-*date of establishment of the claim* hija l-istess għas-snin kollha li qed jintalbu. Il-Qorti ma tarax li din hija sitwazzjoni li għandha mis-sewwa, għaliex kieku d-data li minnha kellhom ikunu komputati l-ħames snin kellha tkun meqjusa mit-28 ta' Ġunju 2021 għall-perjodi kollha, allura dan ikun mezz kif jiġu skartati l-ħames snin inkwistjoni li ssemmi d-Direttiva.

**11.** F'dan ir-rigward il-Qorti trid ukoll tissottolineja, li dawn il-ħames snin ma humiex ta' natura preskrittiva, peress li din tal-aħħar hija trattata f'parti differenti tar-regolament, u li għaliha għandhom japplikaw il-liġijiet tal-pajjjiz li qiegħed jagħmel it-talba u mhux ta' dak li ġie mitlub li jagħti l-assistenza għall-ġbir tat-taxxa. Għalhekk fiċ-ċirkostanzi il-Qorti tħoss li

mhux għall-ammonti kollha mitluba għandu jkun hemm assistenza iżda biss għas-snin minn 2016 sas-2018.

**12.** Fejn ma taqbilx din il-Qorti mal-intimata hu, li jekk din il-Qorti issib li parti mid-dejn ma jistax jingħata assistenza biex jinġabar allura ma tistax tingħata assistenza għal dik il-parti li tista' tinġabar. Fil-fatt il-ġabra parzjali ta' dawn id-djun, għalkemm mhux fl-istess kuntest, hija ravvisabbli f'artikolu 15 tad-Direttiva. Dan jiġri meta jkun hemm xi emenda fit-talbiet tal-Istat li jkun qiegħed jitlob l-assistenza. Talba għall-emenda ma saritx, imma l-istess kejl ta' ġustizzja li din il-Qorti adoperat fil-konfront tal-intimata, ser jintuża f'dan ir-rigward fil-konfront tal-pajjiż li għamel it-talba għall-assistenza.

**Decide**

Għalhekk din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija qegħdha tilqa' it-talba tal-Kummissarju, limitatament pero' għal dawk l-ammonti risultanti mid-dokumenti li jinsabu minn a' fol 36 sa 84 u għalhekk qed tordna r-reġistrazzjoni tad-Dok A limitatament għall-ammont li qed jintalbu f'dawn id-dokumenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**